MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 1103/2011

**Fl-atti tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2011**

**Numru 3042/2011**

**Beranmar Limited (C 20651)**

**VS**

**Jason Galea detentur tal-karta tal-identita numru 161574 u Judith Galea detentrici tal-karta tal-identita numru 324675(M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Jason Galea u martu Judith Galea tad-9 ta'Novembru 2011, li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Settembru 2011 fejn gew interpellati jhallsu s-somma ta' tlettax l-elf, erba mija u dsatax l-ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (Euro 13,419.21 rapprezentanti f'import ta' hmistax l-*

*kambjala enumerati bin-numri hmistax sa disgha u ghoxrin, u liema intimazzjoni saret sabiex tirrendi esegwibbli l-kambjali indikati fl-ittra ufficjali ai termini tal-artikoli 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti qeghdin ghall-finijiet u l-effetti kollha fil-ligi jirrispingu l-pretensjonijiet tas-socjeta Beranmar Limited bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-ammont pretiz ma hux dovut u li kwalsiazi obligazzjonijiet li kien hemm kienu gew estinti bil-pagament tal-kambjali in kwistjoni w dana minkejja li s-socjeta Beranmar Limited naqset li tikkonsenja lill-esponenti l-kambjali minnhom imhallsin,*

*Illi l-esponenti ghandhom fil-pussess taghhom ghoxrin ircevuta ta' hlas, ammontanti kumplessivament ghal Euro 22,349.96.*

*Illi dan ir-rikors qieghed jkun intavolat ghall-finijiet u l-effetti kollha fil-ligi nteralia skond l-esigenzi tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru 2011, fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-12 ta'Dicembru 2011 fid-9.00am;

Rat illi ir-rikors promotur d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat ir-risposta tas-socjeta' Beranmar Limited tat-28 ta'Dicembru 2011 li taqra hekk:

*"Permezz ta' ittra ufficcjali intavolata fid-9 ta' Settembru 2011, is-socjeta' Beranmar Limited (C 20651) interpellat lill-konjugi Galea sabiex fi zmien jumejn ihallsuha s- somma ta' tlettax il-elf erbgha mrja u dsatax il-Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€13,419.21c) rapprezentanti l-import ta' hmistax il-kambjala enumerati bin-numru hmistax (15) sa disgha u ghoxrin (29), kopja ta' liema qeghdin jigu hawn annessi, debitament iffirmati mill-konjugi Galea u li llum jinsabu skaduti, izda ghadhom ma gewx minnhom imhallsa lis-socjeta' mittenti.*

*Din l-intimazzjoni saret sabiex tirrendi ezegwibbli l-kambjali hawn fuq imsemmija ai termini tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tat-Ligijiet ta' Malta.*

*B'rikors ipprezentat minn Jason Galea u Judith Galea fid-9 ta' Novembru 2011, ai termini tal-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma rrespingew il-pretensjonijiet tas-socjeta' Beranmar Limited bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, stante' li l-ammont pretiz ma hux dovut u li kwalsiasi obbligazzjonijiet li kien hemm kienu gew estinti bil-pagament tal-kambjali in kwistjoni, u dana minkejja li s- socjeta Beranmar Limited naqset li tikkonsenja l-kambjala imhallsa mill-konjugi Galea.*

*Illi l-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 jghid illi jekk jezistu ragunijiet gravi u validi kontemplati mil-ligi, l-intimat ghandu dritt jopponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali permezz, ta' rikors ipprezentat fi zmien ghoxrin jum minn notifika lilu ta' din l-ittra ufficjali.*

*Ma hux kontestat li r-raguni li qed jadducu l-konjugi Galea tikkwalifika bhala raguni gravi u kontemplata fil-ligi li, kieku ghandha mis-sewwa, twassal biex din il-Qorti tilqa'r-rikors tal-konjugi Galea. Pero', bir-rispett lejn l-istess konjugi Galea, dak li qed jghidu fir-rikors promotur jammonta ghal nuqqas ta' verita' totali, intiza biex tizgwida lil din il-Qorti, u dan it-tip ta' agir m'ghandux jigi accettat, ghaliex mhux sew li parti tghid fatti li huma inveritiera b'mod daqstant lampanti u tghawweg is-sewwa b'dan il-mod. Aktar minn hekk, din il-Qorti ghandha tordna li l-kontenut tar-rikors promotur jigi konfermat bil-gurament mill-konjugi Galea, u mbaghad jekk ikun il-kaz, il-Qorti ghandha tordna li jittiehdu proceduri ta' spergur kontrihom.*

*Nigu issa ghall-mertu tar-rikors. Il-konjugi Galea qed jghidu li l-ammont pretiz ma hux dovut billi huma hallsu l-ammont mertu tal-kambjali, u li s-socjeta' Beranmar naqset milli tikkonsenja l-kambjali imhallsa mill-konjugi Galea. Biex aktar jaghtu kulur lil din il-fabbrikazzjoni, il-konjugi Galea esebew numru ta' ricevuti emessi minn Beranmar Limited a favur taghhom.*

*Li ma qalux il-konjugi Galea huwa dan li gej. Bis-sahha ta' ftehim datat 11 ta' Lulju 2008, hawn esebit u markat* ***Dokument AD 1****, il-konjugi Galea xtraw vettura tat-tip Mercedes E-Class mudell 270CDI minghand is-socjeta' Beranmar, bil-prezz ta' LM17,000 ekwivalenti ghal-€39,599.34c* <u>*eskluza minn dan il-prezz il-hlas tar-registration tax*</u>*. Din kienet vettura importata mill-lngilterra. ll-partijiet qablu wkoll li r-registration tax ammontanti ghal -€23,293 (LM 10,000) kellha tithallas mill-konjugi*

*Galea b'zieda mal-prezz ta' €39,599.34c. Gie miftiehem ukoll li jekk it-taxxa tar-registrazzjoni kienet ser tiswa aktar minn LM 10,000, dan l-eccess kellu jithallas minn Beranmar Limited.*

*Dan il-bejgh u l-hlas tal-prezz kellu ikun regolat skont il-pattijiet u l-kundizjonijiet l- ohra rizultanti mill-istess ftehim. Jirrizulta li mis-somma ta' LM 17,000 dovuta lil Beranmar Limited, il-konjugi Galea hallsu akkont is-somma ta' LM 7,000, filwaqt li ghall-bilanc ta' LM 10,000, huma intrabtu li jhallsu din is-somma bilancjali permezz ta' pagamenti mensili ta' LM 350. Dwar dan il-bilanc, tal-prezz, gew emessi disgha u ghoxrin (29) kambjala ta'* ***LM*** *383.14c kull wahda, li kienu jinkludu l-imghax dovut fuq il-bilanc tal-prezz.*

*Gara wkoll illi Jason Galea beda juza l-vettura Mercedes lilu mibjugha mis-socjeta' Beranmar minghajr ma hallas it-taxxa tar-registrazzjoni, peress li ma kellux fondi biex ihallas din it-taxxa. Biex ma jinqabadx qed juzi pjanci ta' registrazzjoni ta' pajjiz esteru, Jason Galea kien qabad u wahhal pjanci ta' registrazzjoni Maltin fuq il-vettura Mercedes, li izda kienu jappartjenu lil vettura ohra. Jason Galea kien inqabad mill- Pulizija, u din il-vettura giet elevata mill-Pulizija u giet impounded u mizmuma ghand id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.*

*Is-sitwazzjoni ghalhekk kienet illi din il-vettura kienet ser tibqa' hekk mizmuma mill-Pulizija sakemm ma tithallasx ir-registration tax dovuta dwarha. Jason Galea ma kellux flus bizzejjed biex ihallas din it-taxxa, u ghalhekk kien rega' avvicina lil Andrew Debono, direttur ta' Beranmar Limited, u talbu sabiex jisilfu s-somma ta' sitt elef lira Maltin (LM 6,000) sabiex ikun jista' jhallas ir-registration tax.*

*L-imsemmi Andrew Debono kien accetta, u fil-fatt gie iffirmat ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu ghal din is-somma, li qed jigi anness u markat bhala* ***Dokument AD 2****. Qed jigi esebit ukoll tl-bank draft mghoddi mid-Direttur ta' Beranmar Limited lil Jason Galea (****Dokument AD 3****).*

*Gara wkoll illi Andrew Debono u Jason Galea qablu li r-rifuzjoni ta' dan is-self kellha ssir permezz ta' sitt pagamenti ta'€2,329.37 (LM 1,000) kull wiehed.*

*Meta Jason Galea kien ihallas fi flus kontanti ir-ri-pagament tas-self dovut minnu, li ma bediex ihallasu kif miftiehem izda f'pagamenti li kienu jammontaw ghal anqas minn €2,329.47c kull pagament, hu kien jinghata ricevuta, liema ricevuti huma esebiti mar-rikors tal-konjugi Galea.*

*Minbarra li Jason Galea irrifonda s-self lilu avvanzat, hu kien okkazjonalment u mhux b'mod regolari, jonora l-kambjali emessi dwar il-prezz tal-vettura. Fil-fatt, hallas b'kollox erbatax il-kambjala mid-disgha u ghoxrin kambjala dovuti li jithallsu minnu, u dwar dan dejjem gie mghoddi l-kambjala li kien ikun qed ihallas.*

*Mela ghalhekk hu car daqs il-kristall x'jirrapprezentaw ir-ricevuti annessi mar-rikors ta' Jason Galea - ir-rifuzjoni tas-self ta' LM 6,000, kif ukoll l-import ta'* ***uhud mill- erbatax il-kambjala*** *minn disgha u ghoxrin li gew onorati mill-konjugi Galea, billi apparti li dejjem kienet tigi ritornata l-kambjala li kienet tigi onorata lil Jason Galea, kien hemm ukoll okkazzjonijiet meta inharget ricevuta wkoll, minkejja li ma kienx hemm htiega ghal din ir-ricevuta, izda billi kien hemm okkazjonijiet fejn Galea kien jitlobha, din kienet tinhareg meta tintalab.*

*Hu evidenti kemm il-konjugi Galea ma hux qed ighidu s-sewwa, tant li huma qed jannettu ricevuti fis-somma ta' €22.349.96c. Kieku wiehed kellu jara b'kollox kemm jammonta l-valur komplessiv tad-disgha u ghoxrin kambjala li kellhom jigu onorati mill-konjugi Galea. il-valur tal-istess kambjali jizboq is-somma ta' €22.349.96c b'aktar minn €4,000!*

*Hemm punt iehor li hu rilevanti ferm. Il-vettura Mercedes ghadha sal-lum stess registrata f isem Andrew Debono, direttur ta' Beranmar Limited. Kieku l-konjugi Galea hallsu din il-vettura fl-intier kif qed jghidu li ghamlu, x'sens kien jaghmel li jhallu l-vettura taghhom registrata fisem Andrew Debono? Mhux hekk biss, izda qabel inbdiet din il-procedura, kien hemm diversi tentattivi da parti ta' Andrew Debono biex jikkonvinci lill-konjugi Galea jhallsu, biex tigi evitata l-Qorti, u dawn* ***qatt*** *ma cahdu li ghandhom ihallsu l-import tal-hmistax il-kambjala lil Andrew Debono.*

*Fadal ghalhekk l-import tal-hmistax il-kambjala rimanenti (numerati minn 15 sa 29) u mhux onorati mill-konjugi Galea, li huma ghalhekk il-mertu tas-somma reklamata f'din il-procedura.*

*Fl-ahharnett, is-sottoskritt qed jiccertifika d-dokumenti kollha annessi ma' din ir- risposta bhala vera kopja tad-dokument originali.*

*Illi minn dankollu fuq espost jirrizulta b'mod mill-aktar car kemm it-talba tal-konjugi Galea m'ghandiex mis-sewwa, u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontrihom."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'Sottomissjonijiet tas-socjeta' Beranmar Limited (C20651) tal-14 t'Ottubru 2014 (a fol. 65 et seq.);

Rat in-nota ta'osservazzjonijiet responsiva ta'Jason Galea et tat-23 ta'Lulju 2014 (a fol. 83 et seq.);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza odjerna tikkoncerna talba da parti ta' Jason Galea u martu Judith, ghas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ai termini ta' l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mix-xhieda ta' Jason Galea – vide fol. 36 et seq. jidher illi huwa xtara Mecedes minghad is-socjeta' Beranmar skond ftehim Dok AD 1 a fol. 20, liema Mercedes kienet tiswa Lm17,000 ekwivalenti ghal **Eur 39,599.34** li kellha tithallas b'rati mensili ta' Eur 815.28. Dan il-ftehim sar fil-11 ta' Lulju 2008 ir-*registration tax* dovuta fuq din il-vettura, kellha tithallas minn Jason Galea.

Illi jirrizulta illi Jason Galea ma hallasx dak dovut fuq it-taxxa tar-registrazzjoni tal-istess Mercedes, xorta wahda beda jsuq tali Mercedes billi kien wahhal pjanci u licenzja li kienet

tirrispekkja vettura ohra, tant illi gie arrestat mill-Pulizija u l-Mercedes gie sekwestrat mill-istess.

Illi jirrizulta illi permezz ta’ ftehim ulterjuri datat 17 ta’Settembru 2008 – Dok. AD2 a fol. 22, Andrew Debono sellef lil Jason u Judith Galea is-somma ulterjuri ta’ Eur 13,976.24 sabiex Jason Galea jkun jista’ jhallas ir-*registration tax* fuq l-istess Mercedes. Din is-somma kellha tithallas permezz ta’ sitt pagamenti ta’ Eur 2,329.37. **Illi jirrizulta mill-*bank draft* ezebit a fol. 24 (vide AD3) illi l-ammont Eur 13,976.24 gew konsenjati lil Jason Galea.**

Galea xhed illi minkejja illi ghamel il-pagamenti sabiex ihallas it-taxxa tar-registrazzjoni, Andrew Debono qatt ma tah ricevuta. Ghar-rigward tal-hlasijiet fuq il-karozza huwa kien imur ihallas u jircievi l-kambjala meta jmur ihallas il-pagament sussegwenti.

Mix-xhieda ta’ Andrew Debono Direttur ta’ Beranmar Limited jirrizulta illi permezz t’ittra ufficjali datata 9 ta’Settembru 2011 Beranmar Limited interpellat lil konjugi Galea biex ihallsu s-somma ta’ Eur13,419.29 import ta’ hmistax il-kambjala li gew skaduti izda mhux imhallsa. Il-konjugi Galea allegaw illi s-somma kienet kollha mhallsa izda li s-socjeta’ Beranmar naqqset milli tikkonsenja l-kambjali lil Galea.

Andrew Debono ippreciza illi l-konjugi Galea kienu dahhlu **f’zewg kuntratti** mas-socjeta’ attrici fis-sens li premezz ta’ Dok. AD 1 xtraw Mercedes E Class 270 CD1 ghall-prezz ta’ LM17,000 ekwivalenti Eur39,599.34, liema karozza kienet tihallas permezz ta’ pagament mensili ta’ Eur383.14 li kien jinkludu ukoll l-imghax. **Permezz tat-tieni ftehim AD2** il-konjugi Galea kienu isellfu l-ammont ta’ Lm6,000 ekwivalenti ghal **Eur13,419.29** sabiex ikopru ir-*registration tax*, u kellhom ihallsu permezz ta’ sitt pagamenti ta’ Eur 2,329.37.
Andrew Debono xhed li ricevuti annessi mar-rikors ta’ Jason Galea jirraprezentaw pagamenti mis-self ta’ Eur13,419.29 (ghal *registration tax*) kif ukoll pagamenti ghal karozza innifisha.

Dan gie pjenament konfermat mix-xhieda ta’ Bernard Debono iben Andrew Debono – vide fol. 60a et seq. li kien responsabbli ghal hrug ta’ ricevuti tal pagamenti kollha, maghmula minn Jason Galea b’rezultat taz-zewg skritturi.

Jason Galea a fol. 36 et seq. baqa jishaq illi hallas dak kollu dovut fuq dwar is-self ta' Lm6,000, li ssellef mis-socjeta Beranmar Limited biex ihallas ir-*registration tax* – vide fol. 37-38. Infatti ddikjara li kellu jaghti biss bejn Eur 4,000, Eur 4,500 – vide fol 39.

A fol. 58g in kontro ezami Galea xhed li kellu jaghti biss Eur 1,000 u xi haga zghira fuqhom. Rinfaccat bix-xhieda precedenti tieghu fejn qal illi kellu jaghti, bejn Eur 4,000, Eur 4,500 beda jara kif ser johrog minnha u fl-ahhar ametta li forsi ha xi zball. A fol. 58h Jason Galea f'nifs wiehed jghid illi qatt qabel ma kien uza kambjali u f'nifs iehor jametti illi fil-fatt kien uza kambjali qabel ghaliex kien xtara karoza ohra minghand Andrew Debono u kien fadallu itih fuq din il-karozza ukoll.

Infatti Bernard Debono xhed illi meta Jason Galea kien ihallas pagament fuq il-karozza huwa kien johrog ricevuta u jikkonsenjalu l-kambjala, waqt li meta kien jaghmel pagament ghar-rigward is-self fuq ir-*registration tax*, huwa kien johrog biss ricevuta.

**Ikkonsidrat:**

Illi in vista tax-xhieda kollha prodotta f'dan il-kaz, in vista tal-ammonti differenti illi jidhru fir-ricevuti li jinsabu minn fol-2 ta' fol. 8, din il-Qorti taghraf illi x-xhieda ta' Beranmar Limited hija dik illi din il-Qorti ghandha tistrieh fuqha, hija xhieda verosimili u ghandha mis-sewwa u li hija korroborata mhux biss miz-zewg skritturi/ kuntratti ezebiti AD1 u AD2 izda wkoll rinforzati minn dank drafts Dok. AD4 li juri illi kuntrajament ghal dak li xhed Jason Galea, is-self fuq ir-*registration tax* ma kienx ta' Lm4,000 jew Lm4,800 izda kien ta' Lm6,000 **ekwivalenti ghal Eur 13,976.24 kif jidher mill-*bank draft* AD4 mahruga f'ismu, u li ggib l-istess data tal-ftehim AD2.**

Jidher b'mod l-aktar evidenti illi x-xhieda ta' Jason Galea mhux ta' min jistrieh fuqha, in vista tal-inkonsistenzi gravi jekk mhux addirettura gideb sfaccat. Jirrizulta bl-aktar mod ampju li ricevuti ezebiti minn Jason Galea huma dawk illi jirispekkjaw il-pagamenti fuq il-vettura Mercedes, u mhux dawk dwar is-self ta' Eur 13,419.2, ghal-hlas tar-*registration tax* fuq l-istess karozza.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Beranmar Limited u tichad it-talba ta' Jason u Judith Galea bl-ispejjez kontra taghhom.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------